32004R2236

31.12.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 392/1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2236/2004

tad-29 ta' Diċembru 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRSs) Nri 1, 3 sa 5, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASs) Nri 1, 10, 12, 14, 16 sa 19, 22, 27, 28, 31 sa 41 u l-interpretazzjonijiet tal-Kumitat għall-Interpretazzjoni tal-Istandards (SIC) Nri 9, 22, 28 u 32

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003[2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2002.

(2) Fil-31 ta' Marzu 2004, il-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASB) ippubblika fost l-oħrajn tliet standards ġodda, l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRSs) Nri 3 sa 5, u żewġ standards riveduti, IASs Nri 36 u 38, li fihom bidliet ta' impatt. Dawn l-istandards ġodda jikkompletaw aktar il-"pjattaforma stabbli", jiġifieri, is-set ta' standards li kumpaniji Komunitarji elenkati se jkollhom japplikaw fil-kontijiet konsolidati tagħhom mill-1 ta' Jannar 2005 'il quddiem. L-għan ġenerali huwa li tittejjeb il-kwalità tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASs) kif ukoll tiżdied il-konverġenza tal-istandards tal-kontabbiltà madwar id-dinja.

---

[1] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

[2] ĠU L 261, 13.10.2003, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 707/2004 (ĠU L 111, 17.4.2004, p. 3).

(3) Il-konsultazzjoni mal-esperti tekniċi f'dan il-qasam tikkonferma li l-IFRSs ġodda u l-IASs irriveduti jissodisfaw il-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002, u partikolarment ir-rekwiżit li dawn għandhom iwasslu għall-ġid pubbliku Ewropew.

(4) L-adozzjoni tal-IAS 36 timplika, b'konsegwenza, emendi għall-IAS 16, li kien adottat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1725/2003, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-istandards tal-kontabbiltà konċernati.

(5) L-adozzjoni tal-IFRS 3, 4 u 5 timplika, bħala konsegwenza, li għandhom isiru emendi lil standards internazzjonali ta' kontabbiltà u interpretazzjonijiet oħrajn biex ikun hemm konsistenza bejn l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà. Dawn l-emendi qed iħallu konsegwenza fuq l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) Nru 1, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASs) Nri 1, 10, 12, 14, 16 sa 19, 27, 28, 31 sa 34, 36 sa 41 u interpretazzjoni maħruġa mill-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards (SIC) Nru 32. Barra minn hekk, l-adozzjoni tal-IFRS 3 ma tħalli ebda użu għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 22 u l-interpretazzjonijiet maħruġa mill-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards (SIC) Nri 9, 22 u 28; dawn għandhom jiġu ssostitwiti. Barra minn hekk l-adozzjoni tal-IFRS 5 għandha twassal għas-sostituzzjoni tal-IAS 35.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1725/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1725/2003 hu emendat kif ġej:

(1) l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 22 u l-interpretazzjonijiet mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-Istandards (SIC) Nri 9, 22 u 28 jitnbidlu bl-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 3 [*Kombinamenti ta' negozji*] kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(2) l-IFRS 4 [*Kuntratti tal-assigurazzjoni*] jiddaħħal kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(3) l-IAS 35 jinbidel bl-IFRS 5 [*Assi Mhux Kurrenti Miżmuma għall-Bejgħ u Operazzjonijiet li ma Tkomplewx*] kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(4) IASs 36 u 38 jinbidlu bl-IASs 36 u 38 kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(5) l-adozzjoni tal-IFRS 3 timplika, b'konsegwenza, emendi għall-IFRS 1, għall-IASs 12, 14, 16, 19, 27, 28, 31, 32, 33, 34, 37, 39 u s-SIC 32 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandards tal-kontabbiltà;

(6) l-adozzjoni tal-IFRS 4 timplika, b'konsegwenza, emendi għall-IFRS 1, u għall-IASs 18, 19, 32, 37, 39, 40 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandards tal-kontabbiltà internazzjonali;

(7) l-adozzjoni tal-IFRS 5 timplika, b'konsegwenza, emendi għall-IFRS 1, IFRS 3 u għall-IASs 1, 10, 16, 17, 27, 28, 31, 36, 37, 38, 40, 41 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-istandards tal-kontabbiltà konċernati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Għal verżjoni aġġornata u konsolidata tal-istandard/s imsemmi/ja f'dan ir-Regolament, ara r-Regolament tal-Kummissoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008

li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1-481.